KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
YVES BOT
ippreżentati fil-21 ta' Ġunju 2012 [1]

Kawża C-268/11

Atilla Gülbahce
vs
Freie und Hansestadt Hamburg

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht (il-Ġermanja)]

"Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol — Għoti lil ħaddiem Tork ta' permess uniformi għal residenza għal żmien determinat u ta' liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat — Irtirar, b'effett retroattiv, tad-deċiżjonijiet li jġeddu t-terminu tal-permess uniformi għal residenza — Kundizzjonijiet li d-dritt ta' residenza jkun ibbażat fuq l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, fid-dawl tal-liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat"

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet mill-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht (il-Ġermanja) sabiex tinterpreta, għal darb'oħra, id-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [2], tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni [3].

2. Din il-kawża għandha bħala kuntest fattwali lil ċittadin Tork li daħal fit-territorju Ġermaniż b'viża għar-riunifikazzjoni tal-familji u li, għal dan il-għan, kiseb id-dritt ta' residenza. Dan il-ħaddiem ingħata wkoll liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat. Il-kwistjoni ċentrali, f'din il-kawża, hija jekk l-awtoritajiet ta' Stat Membru għandhomx id-dritt, abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li jirtiraw il-permessi uniformi għal residenza maħruġa lil ċittadin Tork b'effett retroattiv mid-data meta waqaf jeżisti l-motiv li għalih id-dritt nazzjonali kien jissuġġetta l-għoti tal-permess tiegħu, jiġifieri l-koabitazzjoni mal-mara tiegħu.

3. Din il-kwistjoni twassalna, inizjalment, sabiex neżaminaw jekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jistax jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni għall-finijiet tal-kontestazzjoni ta' dan l-irtirar retroattiv u għall-finijiet tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu. Din id-dispożizzjoni tagħti lill-ħaddiema immigranti Torok, wara perijodu ta' sena ta' impjieg regolari fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti, id-dritt għat-tiġdid tal-liċenzja tal-impjieg tiegħu mal-istess persuna li timpjega.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kien twaqqaf bil-ftehim li ħoloq assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat fit-12 ta' Settembru 1963 f'Ankara, mir-Repubblika tat-Turkija minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra. Dan il-ftehim kien ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni").

3 — Id-Deċiżjoni Nru 1/80 tista' tiġi kkonsultata fi *Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Protokolli KEE-Turkija u testi bażiċi oħrajn,* Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, Brussell, 1992.

4. Sussegwentement, fit-tieni lok, din il-kawża twassalna sabiex tiġi ppreċiżata l-portata tal-Artikolu 10(1) tad-deċiżjoni msemmija, li jipprovdi li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jagħtu lill-ħaddiema Torok li jappartjenu għas-suq regolari tax-xogħol, sistema kkaratterizzata min-nuqqas ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità meta mqabbla mal-ħaddiema tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol l-oħra. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ħaddiem Tork, li tinħariġlu liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat, jistax validament jinvoka din id-dispożizzjoni għall-finijiet tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu, u dan minkejja li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

5. Fir-realtà, il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-każ ser ikollha tiddikjara jekk l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jirriferix biss għall-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-impjieg taċ-ċittadini Torok li jappartjenu għas-suq regolari tax-xogħol, u b'hekk il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dan is-suq u l-ksib tad-dritt ta' residenza għal dan il-għan ikunu, min-naħa tagħhom, irregolati biss mill-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni. Jew inkella, jista' jitqies li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 10(1) tad-deċiżjoni msemmija għandha wkoll effetti fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema Torok u, konsegwentement, fuq id-dritt ta' residenza ta' dawn tal-aħħar?

6. F'dawn il-konklużjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma jistax jirtira l-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv mid-data meta waqaf jeżisti l-motiv li għalih id-dritt nazzjonali kien jissuġġetta l-għoti tal-permess tiegħu, meta dan il-ħaddiem ma jkunx ħati ta' xi aġir frawdolenti u meta dan l-irtirar iseħħ wara li jiskadi l-perijodu ta' sena ta' impjieg regolari previst minn din id-dispożizzjoni.

7. Sussegwentement, ser nispjega r-raġunijiet għalfejn naħseb li l-Artikolu 10(1) ta' din id-deċiżjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem Tork li jibbenefika minn liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat u li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-deċiżjoni msemmija ma jistax jinvoka din l-ewwel dispożizzjoni sabiex jikseb tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

8. Sabiex jiġi rregolat il-moviment liberu tal-ħaddiema Torok fit-territorju tal-Komunità, fit-12 ta' Settembru 1963 ġie konkluż Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn din tal-aħħar u r-Repubblika tat-Turkija. L-għan ta' dan il-ftehim huwa li "jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet, filwaqt li tittieħed kompletament inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġu żgurati l-iżvilupp mgħaġġel tal-ekonomija tat-Turkija u t-titjib fil-livell tal-impjieg u fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-poplu Tork" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [4].

9. L-implementazzjoni progressiva tal-moviment liberu tal-ħaddiema Torok li huwa s-suġġett tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandha ssir skont ir-regoli adottati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li għandu r-responsabbiltà li jiżgura l-applikazzjoni u l-iżvilupp progressiv tas-sistema ta' assoċjazzjoni [5].

4 — Ara l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

5 — Ara l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

2. Id-Deċiżjoni Nru 1/80

10. B'hekk, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta d-Deċiżjoni Nru 1/80 li b'mod partikolari għandha l-għan li ttejjeb is-sitwazzjoni legali tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom fir-rigward tas-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 2/76, tal-20 ta' Diċembru 1976, dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet tipprevedi favur il-ħaddiema Torok dritt progressiv ta' aċċess għax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti, kif ukoll, favur it-tfal ta' dawn il-ħaddiema, id-dritt ta' aċċess għall-edukazzjoni f'dan l-Istat.

11. Id-dispożizzjonijiet applikabbli għad-drittijiet tal-ħaddiema Torok huma stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 li huwa mfassal b'dan il-mod:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 dwar l-aċċess liberu għall-impjieg għall-membri tal-familja tiegħu, il-ħaddiem Tork li jappartjeni għas-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru:

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara sena ta' xogħol regolari, għat-tiġdid tal-liċenzja tal-impjieg tiegħu mal-istess prinċipal, jekk dan ikollu xogħol x'joffri;

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara tliet snin ta' xogħol regolari u bla ħsara għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġeb għal offerta oħra ta' impjieg fl-istess professjoni ma' prinċipal tal-għażla tiegħu, magħmula taħt kundizzjonijiet normali u rreġistrata mad-dipartimenti tal-impjieg ta' dan l-Istat Membru;

— għandu jgawdi, f'dan l-Istat Membru, wara erba' snin ta' xogħol regolari, minn aċċess liberu għal kull attività mħallsa tal-għażla tiegħu". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12. L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ħaddiema Torok li jappartjenu għas-suq regolari tax-xogħol tagħhom sistema kkaratterizzata min-nuqqas ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità meta mqabbla mal-ħaddiema tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol.

13. Skont l-Artikolu 13 ta' din id-Deċiżjoni:

"L-Istati Membri tal-Komunità u t-Turkija ma jistgħux jintroduċu restrizzjonijiet ġodda dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema u tal-membri tal-familji tagħhom legalment residenti fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tar-residenza u tal-impjieg". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B – *Id-dritt nazzjonali*

14. Il-punti (1) u (4) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tal-liġi dwar id-dħul u r-residenza tal-barranin fit-territorju federali (Gesetz über die Einreise und den Aufenthalt von Ausländern im Bundesgebiet), tad-9 ta' Lulju 1990[6], jipprovdu li, f'każ ta' terminazzjoni tal-unjoni tul il-ħajja, il-permess uniformi għal residenza tal-konjuġi jiġġedded bħala dritt ta' residenza awtonomu u indipendenti minħabba r-residenza msemmija fl-Artikolu 17(1) tal-Ausländergesetz, meta l-unjoni tul il-ħajja tkun eżistiet legalment għal mill-inqas sentejn fit-territorju federali u meta l-barrani jkollu, sa meta jitwettqu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 1 sa 3, permess uniformi għal residenza jew l-awtorizzazzjoni tar-residenza, sakemm ma kellux żmien sabiex jitlob it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza minħabba raġunijiet li ma humiex imputabbli lilu.

6 — BGBl. 1990 I, p. 1354, iktar 'il quddiem l-"Ausländergesetz".

15. Il-punt 1 tal-Artikolu 23(1) tal-Ausländergesetz jipprovdi li l-permess uniformi għal residenza għandu jingħata, b'mod konformi mal-Artikolu 17(1) tagħha, lill-konjuġi barrani ta' ċittadin Ġermaniż meta dan tal-aħħar ikollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju federali.

16. Skont l-Artikolu 4(1) tal-liġi dwar ir-residenza, ix-xogħol u l-integrazzjoni tal-barranin fit-territorju federali (Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet), tat-30 ta' Lulju 2004[7], biex jidħlu u jirrisjedu fit-territorju federali, il-barranin għandu jkollhom permess uniformi għal residenza sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mid-dritt tal-Unjoni jew minn dispożizzjoni legali, jew sakemm ma jeżistix dritt ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

17. Skont l-Artikolu 4(2) tal-Aufenthaltsgesetz, permess uniformi għal residenza jippermetti li tiġi eżerċitata attività mħallsa fil-każijiet fejn dan ikun previst minn dik il-liġi jew meta l-permess uniformi għal residenza jippermetti espressament l-eżerċizzju ta' tali attività. Kull permess uniformi għal residenza għandu jindika jekk huwiex awtorizzat l-eżerċizzju ta' attività mħallsa. Barrani li ma għandux permess uniformi għal residenza għall-finijiet ta' impjieg jista' jingħata biss permess sabiex jeżerċita impjieg jekk l-aġenzija federali għall-impjieg turi l-approvazzjoni tagħha jew jekk liġi tipprovdi li l-eżerċizzju ta' tali impjieg mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-aġenzija huwa leċitu. Ir-restrizzjonijiet ifformulati fir-rigward tal-għoti tal-awtorizzazzjoni mill-aġenzija msemmija għandhom jissemew fil-permess uniformi għal residenza.

18. L-Artikolu 4(5) tal-Aufenthaltsgesetz jindika li barrani li, b'applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ikollu dritt ta' residenza jintrabat li juri l-eżistenza ta' dan id-dritt billi jressaq il-prova li huwa għandu permess ta' residenza jekk ma jkollu la awtorizzazzjoni ta' stabbiliment u lanqas permess uniformi għal residenza permanenti fl-Unjoni. Il-permess ta' residenza jinħareġ fuq applikazzjoni.

19. Skont l-Artikolu 39 tal-Aufenthaltsgesetz, permess uniformi għal residenza li jawtorizza lil barrani jeżerċita impjieg jista' jinħareġ biss bl-approvazzjoni tal-aġenzija federali għax-xogħol, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni legali kuntrarja. L-approvazzjoni tista' tingħata meta din tkun prevista minn ftehim bejn l-Istati, mil-liġi jew minn regolament. L-Artikolu 50(1) tal-Aufenthaltsgesetz jindika li barrani jintrabat li jitlaq mit-territorju federali meta ma jkollux jew ma jkollux iktar permess uniformi għal residenza neċessarju u meta ma jkollux jew ma jkollux iktar dritt ta' residenza skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

20. Abbażi tal-Artikolu 105(2) tal-Aufenthaltsgesetz, awtorizzazzjoni għax-xogħol maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi għandha titqies li tikkostitwixxi approvazzjoni mingħajr restrizzjoni tal-aġenzija federali tax-xogħol għall-eżerċizzju ta' attività professjonali.

C – *Il-ġurisprudenza Eddline El-Yassini u Gattoussi*

21. Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Eddline El-Yassini u Gattoussi[8], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà adottat deċiżjoni fir-rigward ta' problema li tixbah lil dik li ressqet il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, iżda f'kuntest legali differenti. Fil-fatt, dawn il-kawżi kellhom bħala kuntest legali, rispettivament, il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk[9] u l-Ftehim Euro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, fuq in-naħa l-oħra[10].

7 — BGBl. 2004 I, p. 1950, fil-verżjoni tagħha ppubblikata fil-25 ta' Frar 2008 (BGBl. 2008 I, p. 162, iktar 'il quddiem l-"Aufenthaltsgesetz").

8 — Rispettivament is-sentenzi tat-2 ta' Marzu 1999 (C-416/96, Ġabra p. I-1209), u tal-14 ta' Diċembru 2006 (C-97/05, Ġabra p. I-11917).

9 — Dan il-ftehim ġie ffirmat f'Rabat fis-27 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2211/78, tas-26 ta' Settembru 1978 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 13, p. 155, iktar 'il quddiem il-"Ftehim KEE-Marokk").

10 — Dan il-ftehim ġie konkluż fi Brussell fis-17 ta' Lulju 1995 u ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/238/KE, KEFA, tas-26 ta' Jannar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 28, p. 187, iktar 'il quddiem il-"Ftehim Ewro-Mediterranju").

22. Fil-kawżi msemmija, l-Istat Membru ospitanti naqqas, permezz ta' limitazzjoni fuq id-dritt ta' residenza, id-dritt ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jeżerċità attività professjonali bi ħlas, anke jekk dan id-dritt ingħatalu minn liċenzja tal-impjieg [11].

23. E. El-Yassini, wara li żżewweġ lil ċittadina Britannika, kiseb fl-1991 permess uniformi għal residenza fir-Renju Unit validu għal perijodu ta' tnax-il xahar. Minn meta żżewweġ, huwa eżerċita attività mħallsa. E. El-Yassini, wara li ssepara minn mal-mara tiegħu, talab, fl-1992, it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 40(1) tal-Ftehim KEE-Marokk, li jipprovdi li kull Stat Membru għandu jagħti lill-ħaddiema b'nazzjonalità Marokkina impjegati fit-territorju tiegħu sistema kkaratterizzata min-nuqqas ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità meta mqabbel maċ-ċittadini tiegħu stess, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-remunerazzjoni. It-talba ta' E. El-Yassini nċaħdet mis-Secretary of State for the Home Department għar-raġuni, b'mod partikolari, li t-termini "f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni", użati f'dik id-dispożizzjoni, ma kinux jirreferu għad-dritt ta' residenza ta' ħaddiem Marokkin fl-Istat Membru ospitanti u li, għalhekk, dawn ma jistgħux jinftehmu fis-sens li jagħtuh id-dritt li jibqa' jeżerċita l-impjieg tiegħu f'dan l-Istat wara li jiskadi l-permess uniformi għal residenza tiegħu.

24. M. Gattoussi, ċittadin Tuneżin, wara li żżewweġ lil ċittadina Ġermaniża u wara li ġie awtorizzat li jingħaqad magħha, kiseb permess uniformi għal residenza b'validità ta' tliet snin, u sussegwentement kiseb liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat. Wara li saru jafu li M. Gattoussi kien qiegħed jgħix separatament minn mal-mara tiegħu, l-awtoritajiet Ġermaniżi llimitaw it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni tar-residenza tiegħu u imponewlu l-obbligu li jitlaq mit-territorju Ġermaniż taħt piena ta' espulsjoni lejn it-Tuneżija. Bl-istess mod bħal fil-kawża li wasslet għas-sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq, l-awtoritajiet nazzjonali qiesu li M. Gattoussi ma setax jippretendi dritt ta' residenza abbażi tal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, li jgħid li kull Stat Membru għandu jagħti lill-ħaddiema ta' nazzjonalità Tuneżina impjegati fit-territorju tiegħu, sistema kkaratterizzata min-nuqqas ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità meta mqabbel maċ-ċittadini tiegħu stess, f'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tar-remunerazzjoni u ta' tkeċċija.

25. Fiż-żewġ kawżi, minkejja l-fatt li l-applikanti kellhom liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat u impjieg, l-awtoritajiet nazzjonali rrifjutaw li jġeddulhom id-dritt ta' residenza, peress li l-motiv inizjali għall-għoti ta' dan id-dritt ma kienx jeżisti iktar fil-mument meta skadiet il-validità tal-permess uniformi għal residenza tagħhom. Għalhekk, il-kwistjoni f'dawn iż-żewġ każijiet kienet jekk l-Artikoli 40(1) tal-Ftehim KEE-Marokk u 64(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju kellhomx jiġu interpretati fis-sens li kienu jostakolaw ir-rifjut tal-Istati Membri milli jagħtu, f'tali ċirkustanzi, permess uniformi għal residenza.

26. Fis-sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li "fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, bħala prinċipju ma huwiex prekluż li Stat Membru jirrifjuta t-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza ta' ċittadin Marokkin li kien ġie awtorizzat li jidħol fit-territorju tiegħu u li jeżerċita attività professjonali hemmhekk, meta l-motiv inizjali għall-għoti tad-dritt ta' residenza ma jkunx jeżisti iktar fil-mument tal-iskadenza tat-tul tal-validità tal-permess ta' residenza mogħti lill-persuna kkonċernata" [12] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija indikat ukoll li l-"fatt li din il-miżura tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tobbliga lill-persuna interessata li ttemm, qabel it-terminu miftiehem fil-kuntratt konkluż mal-prinċipal tagħha, ir-relazzjoni tax-xogħol tagħha fl-Istat Membru ospitanti ma hijiex, bħala regola ġenerali, ta' natura li taffettwa din l-interpretazzjoni" [13]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 — Ara s-sentenza Gattoussi, iċċitata iktar 'il fuq (punt 31).

12 — Sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

13 — *Ibidem* (punt 63).

27. Madankollu, tkompli l-Qorti tal-Ġustizzja, "kien ikun differenti li kieku l-qorti tar-rinviju kellha tikkonstata li l-Istat Membru ospitanti kien approva fil-konfront tal-ħaddiem migrant Marokkin drittijiet preċiżi fuq il-livell tal-eżerċizzju ta' impjieg li kienu iktar estiżi minn dawk li kienu ġew ikkonferiti lilu minn dan l-istess Stat fuq il-livell tar-residenza" [14] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Dan kien ikun il-każ li kieku l-Istat Membru kkonċernat approva permess uniformi għal residenza fil-konfront tal-persuna interessata biss għal perijodu iqsar minn dak tal-liċenzja tal-impjieg u li kieku, sussegwentement u qabel ma tiskadi l-liċenzja tal-impjieg, dan kien jopponi ruħu għat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza mingħajr ma jiġġustifika dan ir-rifjut b'motivi ta' protezzjoni ta' interess leġittimu tal-Istat, bħal raġunijiet ta' natura pubblika, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika [15].

28. L-effett utli tal-Artikolu 40(1) tal-Ftehim KEE-Marokk neċessarjament jimplika li, fil-każ fejn ċittadin Marokkin kien debitament awtorizzat sabiex jeżerċita attività professjonali fit-territorju ta' Stat Membru għal ċertu perijodu, il-persuna interessata tibbenefika, matul dan il-perijodu kollu, mid-drittijiet ikkonferiti lilha mid-dispożizzjoni msemmija [16].

29. Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat l-istess raġunament fis-sentenza Gattoussi, iċċitata iktar 'il fuq [17].

II – Il-fatti u l-kawża prinċipali

30. A. Gülbahce, ċittadin Tork, wasal fit-territorju Ġermaniż fi Frar 1996 u ppreżenta talba għal ażil. F'Ġunju 1997, huwa żżewweġ lil ċittadina Ġermaniża. Sussegwentement, it-talba għal ażil tiegħu nċaħdet.

31. A. Gülbahce mar lura fl-Istat tal-oriġini tiegħu f'Mejju 1998 qabel ma ġie lura fit-territorju Ġermaniż fit-8 ta' Ġunju tal-istess sena, b'viża għar-riunifikazzjoni tal-familji. Għal dan il-għan, huwa ddikjara lilu nnifsu bħala residenti fl-indirizz li kien dak tal-mara tiegħu dak iż-żmien. F'Lulju 1998, id-dipartiment tal-barranin lokali ħariġlu permess uniformi għal residenza validu għal perijodu ta' sena. Dan il-permess iġġedded fis-17 ta' Ġunju 1999 sat-2 ta' Lulju 2001. B'mod parallel, fid-29 ta' Settembru 1998, l-uffiċċju tax-xogħol ta' Bochum (il-Ġermanja) ħareġ lil A. Gülbahce liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat.

32. Bejn Frar u Novembru 1999, A. Gülbahce kien impjegat bħala awżiljarju fl-industrija tal-bini f'Hamburg (il-Ġermanja), u wara, minn Settembru 2000, ma persuni li jimpjegaw differenti, dejjem f'Hamburg. Kull wieħed mill-kuntratti ta' xogħol dam inqas minn sena.

33. Fl-1 ta' Lulju 2000, A. Gülbahce applika sabiex jingħata appartament f'Hamburg u, f'Ġunju 2001, huwa ressaq, mad-dipartiment tal-barranin tal-Freie und Hansestadt Hamburg, talba għat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu għal raġunijiet ta' xogħol.

34. Fis-16 ta' Awwissu 2001, il-Freie und Hansestadt Hamburg ħarġet permess uniformi għal residenza lil A. Gülbahce validu għal perijodu ta' sentejn, li hija ġeddet għall-ewwel darba fl-20 ta' Jannar 2004 għal perijodu ta' sentejn.

14 — *Ibidem* (punt 64).

15 — *Ibidem* (punt 65).

16 — *Ibidem* (punt 66).

17 — Ara l-punti 29 sa 40 ta' din is-sentenza.

35. F'Lulju 2005, il-Freie und Hansestadt Hamburg saret taf li l-mara ta' A. Gülbahce, fit-2 ta' Novembru 1999, iddikjarat bil-miktub lill-belt ta' Aschersleben (il-Ġermanja) li hija kienet ilha tgħix separata minn miegħu mill-1 ta' Ottubru 1999. A. Gülbahce, li nstema' mill-Freie und Hansestadt Hamburg, sostna li ssepara b'mod definittiv minn mal-mara tiegħu f'Novembru 2000. Minħabba x-xogħol tiegħu, huwa kien ta' spiss jiċċaqlaq fit-territorju Ġermaniż kollu u kien jirrisjedi mal-mara tiegħu biss matul tmiem il-ġimgħa u fażijiet ta' mistrieħ.

36. F'Diċembru 2005, A. Gülbahce talab it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu għal xogħol li huwa kien beda f'Novembru 2004 ma' Atla GmbH f'Hamburg.

37. B'deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2006, ikkonfermata b'deċiżjoni tad-29 ta' Awwissu 2006, il-Freie und Hansestadt Hamburg irtirat il-permessi uniformi għal residenza ta' A. Gülbahce tas-16 ta' Awwissu 2001 u tal-20 ta' Jannar 2004 b'effett retroattiv. Hija ċaħdet it-talba għal tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu u heddithu li tipproċedi bit-tkeċċija tiegħu lejn it-Turkija. Skontha, il-permessi uniformi għal residenza ta' A. Gülbahce ma kellhomx jiġġeddu peress li l-unjoni tul il-ħajja ma kinitx eżistiet għal matul sentejn, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-mara tiegħu. Il-Freie und Hansestadt Hamburg qieset ukoll li A. Gülbahce ma setax jipprevalixxi ruħu, għall-finijiet tal-ksib ta' tiġdid, mill-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, peress li, fil-mument ta' kull wieħed mit-tiġdid, huwa ma kienx impjegat minn persuna li timpjega għal mill-inqas sena. Barra minn hekk, A. Gülbahce kiseb b'qerq il-permessi uniformi għal residenza msemmija, peress li l-unjoni tul il-ħajja bejn dan tal-aħħar u l-mara tiegħu kienet spiċċat.

38. B'sentenza tat-3 ta' Lulju 2007, il-Verwaltungsgericht (il-Ġermanja) ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn A. Gülbahce kontra d-deċiżjoni tal-Freie und Hansestadt Hamburg, minħabba li din ipproċediet, ġustament, bl-irtirar tal-permessi uniformi għal residenza, peress li l-unjoni tul il-ħajja bejn il-konjuġi ma nżammitx għal matul sentejn. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, invokat minn A. Gülbahce fir-rigward tal-liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat tiegħu, ma għandux l-effett li jimponi fuq il-Freie und Hansestadt Hamburg l-obbligu li tippermetti lil dan, permezz tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu, li jkompli l-attivitajiet professjonali li kien jeżerċita dak iż-żmien.

39. B'sentenza tad-29 ta' Mejju 2008, il-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht, il-qorti tal-appell, irriformat is-sentenza mogħtija mill-Verwaltungsgericht u ordnat lill-Freie und Hansestadt Hamburg sabiex tagħti lil A. Gülbahce permess uniformi għal residenza minħabba li l-liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat tagħti lok, flimkien mal-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, għal dritt ta' residenza indipendenti miż-żwieġ. Fil-fatt, ħaddiem Tork li jappartjeni għas-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru u li jkollu liċenzja tal-impjieg regolari u għal żmien indeterminat għandu d-dritt li jinvoka din id-dispożizzjoni, minkejja li ma jistax jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 6 ta' din id-deċiżjoni. Il-qorti tal-appell tqis li għandha tiġi applikata, b'analoġija, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-projbizzjonijiet ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw mill-Ftehim KEE-Marokk u mill-Ftehim Ewro-Mediterranju. Għalhekk, id-dritt għall-eżerċizzju effettiv ta' attività professjonali ma setax jiġi rtirat mingħandu ħlief għal motivi ta' protezzjoni ta' interess leġittimu tal-Istat, bħal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Issa, tali motivi ma jeżistux u, b'mod partikolari, A. Gülbahce ma kkonkludiex żwieġ ta' konvenjenza.

40. B'deċiżjoni fl-appell, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) annullat, b'sentenza tat-8 ta' Diċembru 2009, is-sentenza tad-29 ta' Mejju 2008 u bagħtet il-każ lura għall-finijiet ta' proċedura u deċiżjoni ġdida, minħabba li l-qorti tal-appell telqet, b'mod żbaljat, mill-prinċipju li jgħid li A. Gülbahce kellu d-dritt għat-tiġdid jew għall-għoti ta' permess uniformi għal residenza skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 u fid-dawl tal-għoti ta' liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat.

41. Il-qorti tar-rinviju tindika li mis-seduti l-ġodda li nżammu fil-kuntest tar-rinviju tal-kawża kif ukoll mill-provi mressqa mill-partijiet, jirriżulta li A. Gülbahce ilu impjegat minn Ottubru 2006, minn Consultin Bau GmbH stabbilita f'Hamburg, inizjalment mhux b'mod kontinwu u, sussegwentement, mit-2 ta' Novembru 2009, b'mod kontinwu.

III – Id-domandi preliminari

42. Wara li esprimiet dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni li kellha tingħata lid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/80, il-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li:

a) ħaddiem Tork li ngħata legalment permess ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru, għal żmien partikolari (li jista' jkun indeterminat) li jeċċedi t-tul tal-permess ta' residenza ("il-permess ta' xogħol eċċedenti"), jista' jeżerċita, matul dan il-perijodu kollu, id-drittijiet li jirriżultaw minn tali permess, sakemm dan ma jkunx preklużi minn raġunijiet ta' protezzjoni ta' interess leġittimu tal-Istat, bħal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika;

b) u li Stat Membru huwa preklużi milli jeskludi, *ab initio*, abbażi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ meta ngħata l-permess u li jikkundizzjonaw il-permess ta' xogħol abbażi tal-permess ta' residenza, li jkun hemm effetti tal-permess inkwistjoni fuq l-istatus tar-residenza tal-persuna kkonċernata (skont is-sentenza [Eddline] El-Yassini, [iċċitata iktar 'il fuq], punt 3 tas-sommarju u punti 62 sa 69, rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 40(1) tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni KEE-Marokk, u tas-sentenza […] Gattoussi, [iċċitata iktar 'il fuq], punt 2 tas-sommarju u punti 36 sa 43, rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterran […])?

F'każ ta' risposta affermattiva għal din id-domanda:

2) L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klawżola "standstill" tipprekludi wkoll lil Stat Membru milli jipprojbixxi, permezz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva (fil-każ inkwistjoni [l-Aufenthaltsgesetz]), lil ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq tax-xogħol il-possibbiltà li jinvoka ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni inkluż fl-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, minħabba permess ta' xogħol li ngħatalu qabel u li jeċċedi t-tul tal-permess ta' residenza tiegħu?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:

3) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni msemmi fih ma jipprekludix, fi kwalunkwe każ, lill-awtoritajiet nazzjonali milli jirtiraw permessi ta' residenza, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li ngħataw bi żball lil ċittadin Tork, skont id-dritt nazzjonali, għal żmien iddeterminat, wara li jkunu skadew, għall-perijodi li fihom il-ħaddiem Tork effettivament għamel użu mill-permess ta' xogħol indeterminat li kien ingħatalu qabel u kien qed jaħdem?

4) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li, barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tkopri esklużivament ix-xogħol li ħaddiem Tork, li għandu permess ta' xogħol li ngħatalu legalment mill-awtoritajiet nazzjonali għal żmien indeterminat u mingħajr restrizzjonijiet *ratione materiae*, ikun jeżerċita fil-mument li fih jiskadi l-permess ta' residenza tiegħu, li ngħatalu għall-finijiet oħra, u li ħaddiem Tork li jinsab f'din is-sitwazzjoni ma jistax

għalhekk jitlob li, wara li jieqaf definittivament minn dan ix-xogħol, l-awtoritajiet nazzjonali jawtorizzaw dritt sussegwenti ta' residenza għall-finijiet ta' xogħol ġdid, li skont il-każ jista' jingħata wara perijodu ta' interruzzjoni neċessarju għat-tfittxija ta' xogħol?

5) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat, barra minn hekk, fis-sens li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jipprojbixxi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti (biss) milli jadottaw, fir-rigward ta' ċittadin Tork li jagħmel parti mis-suq tax-xogħol, li oriġinarjament ingħata, fir-rigward tal-eżerċizzju ta' xogħol, drittijiet iktar estiżi minn dawk ta' residenza tiegħu, miżuri li jtemmu r-residenza tiegħu, wara l-iskadenza ta' din tal-aħħar, sakemm tali miżuri ma jservux għall-protezzjoni ta' interess leġittimu tal-Istat, iżda li madankollu ma jimponix l-obbligu li jingħata permess ta' residenza?"

IV – L-analiżi tiegħi

43. A. Gülbahce jqis li t-tiġdid tal-permessi uniformi għal residenza tiegħu f'Awwissu 2001 u f'Jannar 2004 ma kinux illegali u li huwa kien fondat li jitlob dan it-tiġdid sabiex jeżerċita d-dritt għax-xogħol tiegħu derivanti mil-liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat li kienet inħarġitlu f'Settembru 1998.

44. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht titlaq mill-premessa li tgħid li A. Gülbahce ma setax jipprevalixxi ruħu mid-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għall-finijiet tal-kontestazzjoni tal-irtirar tal-permessi uniformi għal residenza tiegħu.

45. Madankollu, ninnota li, f'din id-deċiżjoni, hemm indikat li A. Gülbahce talab, f'Diċembru 2005, it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu għal impjieg li huwa kien beda f'Novembru 2004 ma' Atla GmbH, f'Hamburg. Bl-istess mod, din tiddikjara li A. Gülbahce eżerċita attività professjonali itwal biss f'Novembru 2004, attività li huwa eżerċita sa Ġunju 2006 [18]. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tispjega li, fil-mument tal-irtirar tal-permessi uniformi għal residenza ta' Awwissu 2001 u ta' Jannar 2004 u tar-rifjut tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu, jiġifieri fi Frar 2006, A. Gülbahce kien ilu impjegat mal-istess persuna li timpjega għal iktar minn sena [19].

46. Għalhekk, ma kienx jidher evidenti li A. Gülbahce ma kien jissodisfa bl-ebda mod il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

47. Għalhekk, sabiex nagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, ser neżamina d-domandi mressqa minn din tal-aħħar, qabel kollox, billi nitlaq mill-ipoteżi li tgħid li A. Gülbahce jista' jibbaża d-dritt għat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu fuq l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, u sussegwentement, nitlaq mill-premessa li tibbaża ruħha fuqha l-qorti tar-rinviju, jiġifieri li A. Gülbahce ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' din id-dispożizzjoni.

A – *A. Gülbahce jista' jibbaża ruħu fuq id-dritt li jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80*

48. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, bl-irtirar, fi Frar 2006, tal-permessi uniformi għal residenza ta' Awwissu 2001 u ta' Jannar 2004, id-dritt ta' residenza nazzjonali ta' A. Gülbahce kien spiċċa b'mod retroattiv mit-3 ta' Lulju 2001 u għalhekk, huwa ma setax jinvoka l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [20].

18 — Ara l-punt 23 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

19 — Ara l-punt 24 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

20 — Ara l-punt 23 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

49. Jidhirli li din il-konstatazzjoni tinsab f'kontradizzjoni diretta mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Unal [21].

50. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirtiraw il-permess uniformi għal residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv fid-data li fiha r-raġuni li għaliha d-dritt nazzjonali jissuġġetta l-għoti tal-permess tiegħu waqfet teżisti, meta dan il-ħaddiem ma kien instab ħati ta' ebda aġir frawdolenti u meta dan l-irtirar seħħ wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sena xogħol regolari previst fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1).

51. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, b'mod partikolari, li skont il-prinċipju ġenerali tal-osservanza tad-drittijiet kweżiti, meta ċittadin Tork jista' validament jinvoka d-drittijiet ibbażati fuq dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/80, dawn id-drittijiet ma jiddependux iktar mill-persistenza taċ-ċirkustanzi li kienu wasslu għall-ħolqien ta' dawn id-drittijiet, peress li kundizzjoni ta' din in-natura ma hijiex imposta minn din id-deċiżjoni [22].

52. Sabiex tiddetermina jekk B. Unal kisibx tali drittijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet bħala data rilevanti dik tal-adozzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tad-deċiżjoni ta' rtirar tal-permess uniformi għal residenza tal-ħaddiem Tork [23].

53. Fil-kawża prinċipali, il-permessi uniformi għal residenza ta' A. Gülbahce tas-16 ta' Awwissu 2001 u tal-20 ta' Jannar 2004 ġew irtirati b'deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2006. Issa, hekk kif indikajt fil-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, f'din id-data, kien jidher li A. Gülbahce kien ilu impjegat għal iktar minn sena mal-istess persuna li timpjega.

54. Għalhekk, fid-data li fiha seħħ l-irtirar tal-permessi uniformi għal residenza inkwistjoni, A. Gülbahce seta' kiseb xi drittijiet abbażi tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, liema ħaġa neċessarjament timplika l-eżistenza ta' dritt ta' residenza korrelattiv favurih [24]. Għal dan il-għan, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk il-perijodu ta' xogħol imwettaq minn A. Gülbahce minn Novembru 2004 sa Ġunju 2006 jissodisfax il-kundizzjoni ta' sena impjieg regolari fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, peress li huwa biżżejjed li ħaddiem Tork jokkupa impjieg regolari għal iktar minn sena sabiex ikollu d-dritt għat-tiġdid tal-liċenzja tal-impjieg tiegħu mal-istess persuna li timpjega [25]. F'dan ir-rigward, impjieg regolari jissupponi sitwazzjoni stabbli u mhux prekarja fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u jissupponi, minn din il-perspettiva, dritt ta' residenza mhux ikkontestat [26].

55. B'mod partikolari, l-eżerċizzju ta' impjieg minn ċittadin Tork permezz ta' permess uniformi għal residenza mogħti minħabba aġir frawdolenti li kien ta lok għal kundanna jew għal awtorizzazzjoni ta' residenza provviżorja li hija valida biss sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fuq id-dritt ta' residenza tiegħu ma jistax joħloq drittijiet favur dan iċ-ċittadin skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [27].

56. F'dan il-każ, jidher li A. Gülbahce ma nstabx ħati minn xi aġir frawdolenti u li barra minn hekk, huwa kien jibbenefika minn permess uniformi għal residenza u minn liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat li kien jippermettilu li jeżerċita attività mħallsa liberament fit-territorju Ġermaniż. F'kull każ, hija l-qorti tar-rinviju li jkollha tivverifika jekk A. Gülbahce kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

21 — Sentenza tad-29 ta' Settembru 2011 (C-187/10, Ġabra p. I-9045).

22 — Sentenza Unal, iċċitata iktar 'il fuq (punt 50).

23 — *Ibidem* (punti 51 u 52).

24 — *Ibidem* (punti 29 u 30).

25 — *Ibidem* (punt 38).

26 — *Ibidem* (punt 31).

27 — *Ibidem* (punt 47).

57. Konsegwentement, naħseb li, jekk il-qorti tar-rinviju tistabbilixxi li A. Gülbahce kien jissodisfa l-kundizzjoni tal-perijodu ta' sena ta' impjieg regolari fis-suq tax-xogħol Ġermaniż fid-data tal-irtirar tal-permessi uniformi għal residenza ta' Awwissu 2001 u ta' Jannar 2004, dan tal-aħħar ikun jista' jinvoka d-drittijiet li tikkonferilu din id-dispożizzjoni għall-finijiet tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu u b'hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jkollhomx bażi għalfejn jirtiraw il-permessi uniformi għal residenza tiegħu b'effett retroattiv mid-data li fiha ma baqax jeżisti l-motiv li għalih id-dritt nazzjonali kien jissuġġetta l-għoti tal-permess uniformi għal residenza tiegħu.

58. Min-naħa l-oħra, kieku l-qorti tar-rinviju kellha tikkonstata li A. Gülbahce ma kienx jissodisfa tali kundizzjoni, ikun b'mod ġust li hija tkun injorat l-eventwalità li A. Gülbahce jikseb it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu abbażi tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

59. F'dan l-aħħar każ, tqum il-kwistjoni dwar jekk A. Gülbahce jistax jinvoka l-Artikolu 10(1) ta' din id-deċiżjoni għall-finijiet tat-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu.

B – *A. Gülbahce ma jistax jibbaża ruħu fuq id-dritt li jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80*

60. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf, essenzjalment, x'inhi l-portata tal-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Din id-dispożizzjoni tippermetti li ċittadin Tork li jkollu liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat jikseb tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu meta l-kliem tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni, li l-kundizzjonijiet tiegħu ma jkunux sodisfatti, jidher li jipprekludi dan?

61. Fil-fatt, jidher li l-qorti tar-rinviju tqis li A. Gülbahce ma jistax jitqies li jifforma parti minn waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(1) tad-deċiżjoni msemmija fin-nuqqas, fiż-żmien meta ġie rtirat il-permess uniformi għal residenza, ta' perijodu ta' xogħol kontinwu ta' mill-inqas sena mal-istess persuna li timpjega.

62. Qabel kollox, fir-rigward tal-applikazzjoni eventwali per analoġija tar-regoli stabbiliti mill-Ftehim KEE-Marokk jew mill-Ftehim Ewro-Mediterranju, għandha tiġi ppreċiżata d-differenza li teżisti bejn dawn il-ftehim u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

63. Il-Qorti tal-Ġustizzja stess enfasizzat dan fil-punt 61 tas-sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq, billi indikat li bejn il-Ftehim KEE-Marokk u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tant kienu jeżistu differenzi sostanzjali kemm fil-kliem kif ukoll fis-suġġett u fl-għan tagħhom, li kellu jiġi konkluż li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja adottata fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma tistax tiġi trasposta per analoġija għall-Ftehim KEE-Marokk.

64. B'hekk, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kellu l-għan li jwassal għal integrazzjoni progressiva tal-ħaddiema Torok bi previżjoni għall-adeżjoni tar-Repubblika tat-Turkija mal-Unjoni, filwaqt li l-Ftehim KEE-Marokk japplika biss fil-kuntest ta' kooperazzjoni ekonomika globali [28].

65. Wara li fakkret it-termini tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kien f'dan il-kuntest li hija ddeċidiet b'mod kostanti li ħaddiem Tork, li kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-dispożizzjoni, jista' jippretendi li jikseb it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti sabiex ikompli jeżerċita attività mħallsa regolari hemmhekk [29].

28 — Ara l-punti 54 u 58 tas-sentenza msemmija.

29 — Ara s-sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq (punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66. Filwaqt li kkonstatat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni jirriflettu l-istruttura speċifika tagħha, minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet b'mod loġiku li l-interpretazzjoni tal-Ftehim KEE-Marokk ma setatx issir per analoġija ma' dawn id-dispożizzjonijiet.

67. L-istess raġunijiet jeħtieġu li tinżamm ir-reċiproċità ta' din l-affermazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

68. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fil-punt 53 tas-sentenza Eddline El-Yassini, iċċitata iktar 'il fuq, li t-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tal-ħaddiem Tork għall-kontinwazzjoni tal-eżerċizzju ta' attività mħallsa regolari tippresupponi li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Issa, għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni ma għandhiex l-ekwivalenti tagħha fil-Ftehim KEE-Marokk. Waħdu, dan l-element iwassal sabiex tinċaħad l-interpretazzjoni per analoġija proposta minn A. Gülbahce. Dan japplika iktar fid-dawl tal-fatt li d-dispożizzjoni msemmija tifforma parti sħiħa minn sistema li tappartjeni biss għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni minħabba s-suġġett u l-għan tiegħu.

69. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li l-ipoteżi ppreżentata f'din is-sentenza ma tistax tiġi trasposta għal din il-kawża.

70. Peress li A. Gülbahce ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, huwa ma jista' jinvoka ebda dritt għal tiġdid jew għall-estensjoni tal-permess uniformi għal residenza tiegħu abbażi ta' din id-deċiżjoni.

71. Fil-fatt, mis-sentenza Unal, iċċitata iktar 'il fuq, jirriżulta li, meta d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jkunu jistgħu jiġu invokati bħala drittijiet kweżiti, il-fatt li jispiċċaw il-kundizzjonijiet inizjali li ppermettew il-ksib tagħhom ma għandu ebda effett[30]. Issa, fin-nuqqas ta' twettiq tal-kundizzjoni ta' tul minimu ta' impjieg stabbilita fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni, id-drittijiet li jirriżultaw minnhu ma setgħux inkisbu.

72. Għalhekk, issa, il-portata tal-Artikolu 10(1) tad-deċiżjoni msemmija tista' tiġi ppreċiżata.

73. Din id-dispożizzjoni stess tappartjeni għas-sistema speċifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Għalhekk, hija tikkompleta l-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni, u mhux tmur kontrih, b'mod kuntrarju għall-interpretazzjoni proposta minn A. Gülbahce. Fil-fatt, peress li din l-aħħar dispożizzjoni tistabbilixxi sistema ta' integrazzjoni progressiva, il-proċess stabbilit minnha jibda b'sistema li tirrestrinġi d-drittijiet tal-ħaddiem Tork li jappartjeni għas-suq regolari tax-xogħol.

74. Is-sistema progressiva għall-ksib tad-dritt għall-eżerċizzju ta' attività professjonali tinkludi, fil-fażijiet inizjali tagħha, restrizzjonijiet simili għal diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, hekk kif juri t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni li jistabbilixxi prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri. Dawn ir-restrizzjonijiet huma ġġustifikati mill-filosofija globali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jirrigwardaw il-ksib tad-dritt li jintalab ix-xogħol.

75. Min-naħa l-oħra, ladarba jinkiseb dan id-dritt u x-xogħol, ma tista' tiġi ttollerata ebda tip ta' diskriminazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tad-dritt imsemmi. Fil-fehma tiegħi, dan jitfakkar fl-Artikolu 10(1) tad-deċiżjoni msemmija.

76. Għalhekk, naħseb li l-kundizzjonijiet għall-aċċess għax-xogħol tal-ħaddiema Torok huma rregolati mill-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 biss, u l-Artikolu 10(1) ta' din id-deċiżjoni ma jistax, konsegwentement, ikollu l-għan li jirregola wkoll dawn il-kundizzjonijiet ta' aċċess u li jippermetti, b'hekk, lill-persuna interessata li tibbaża t-talba għat-tiġdid tagħha tal-permess uniformi għal residenza fuq din l-aħħar dispożizzjoni.

30 — Ara l-punt 50 ta' dik is-sentenza.

77. F'dan ir-rigward, infakkar li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet relattivi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma jaffettwawx il-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw kemm id-dħul taċ-ċittadini Torok fit-territorju tagħhom kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ewwel attività professjonali tagħhom, iżda jirregolaw biss is-sitwazzjoni tal-ħaddiema Torok li huma diġà integrati b'mod regolari fl-Istat Membru ospitanti minħabba l-eżerċizzju legali ta' impjieg għal ċertu tul ta' żmien, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 [31]. Għaldaqstant, l-ewwel dħul ta' ċittadin Tork fit-territorju ta' Stat Membru huwa bħala prinċipju rregolat esklużivament mil-liġi domestika ta' dak l-Istat, u l-persuna kkonċernata tista' titlob ċerti drittijiet skont id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-eżerċizzju ta' attività mħallsa jew ta' attività indipendenti u, b'mod korrelattiv, fir-rigward ta' residenza biss sa fejn il-pożizzjoni tiegħu fl-Istat Membru kkonċernat hija diġà regolari [32].

78. Għalhekk, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma jistabbilixxi ebda dritt ta' residenza għall-ħaddiema Torok.

79. Konsegwentement, jekk jiġi aċċettat li ħaddiem Tork, li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jista' jinvoka l-Artikolu 10(1) ta' din id-deċiżjoni, dan ikollu l-konsegwenza li l-Istat Membru jkun obbligat li jġedded il-permess uniformi għal residenza ta' dan il-ħaddiem, minkejja sitwazzjoni meqjusa bħala irregolari mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

80. Tali interpretazzjoni jkollha l-effett li toħloq dritt ta' residenza favur il-ħaddiem Tork meta jkollu liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat. Tali dritt mhux biss ma huwiex previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, iżda barra minn hekk jinterferixxi fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri li jirregolaw id-dħul taċ-ċittadini Torok fit-territorju tagħhom sal-kisba tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

81. Din l-interpretazzjoni thedded li tikkompromett i s-sistema stabbilita mid-Deċiżjoni Nru 1/80.

82. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jiena tal-fehma li l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem Tork li jibbenefika minn liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat u li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni, ma jistax jinvoka din l-ewwel dispożizzjoni sabiex jikseb it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

V – Konklużjoni

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi preliminari tal-Hamburgisches Oberverwaltungsgericht b'dan il-mod:

1) L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, adottat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li twaqqaf bil-ftehim li ħoloq assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat fit-12 ta' Settembru 1963 f'Ankara, mir-Repubblika tat-Turkija minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma jistax jirtira l-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv mid-data meta waqaf jeżisti l-motiv li għalih id-dritt nazzjonali kien jissuġġetta l-għoti tal-permess tiegħu, meta dan il-ħaddiem ma jkunx ħati ta' xi aġir frawdolenti u meta dan l-irtirar iseħħ wara li jiskadi l-perijodu ta' sena ta' impjieg regolari previst minn din id-dispożizzjoni.

31 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et.* (C-317/01 u C-369/01, Ġabra p. I-12301, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza Unal, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41).

32 — Sentenza Abatay *et.*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 65 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

2) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem Tork li jibbenefika minn liċenzja tal-impjieg għal żmien indeterminat u li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni, ma jistax jinvoka din l-ewwel dispożizzjoni sabiex jikseb it-tiġdid tal-permess uniformi għal residenza tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.